# Kliem ix-xedd fil-vokabularju Malti

—J.J. Camilleri B.A., M.A., A.I.E. (Lond.)

Kull żmien kellu l-karatteristiċi tiegħu li dawn jgħarfuh minn żminijiet oħra. In-nies jilbsu, jġibu ruħhom u jiddevertu skond il-moda tal-mument. Li kien jgħodd għall-imgħoddi m'għadux jgħodd għal-lum. Għalhekk hu interessanti tara ritratti ta' żmien ilu. In-nies ma kinux jilbsu bħalna, l-istil u t-tifsila tal-libsa kienu mod ieħor, imma l-qawl 'Ir-rix jagħmel l-għasfur' kien, għadu u jibqa' jgħodd.

Fl-antik in-nies ma kellhomx varjetà ta' drappijiet, materjal u kuluri li għandhom illum. Il-materjal kollu kien naturali - suf, tajjar, għażel u ħarir. Illum il-materjal sintetiku qiegħed jimla s-swieq tad-dinja. Il-kuluri wżati kienu ftit u kollha fuq l-istess skala - l-iswed ta' l-għonnella, l-ikħal ta' l-għażel, il-maġenta tal-fustan - kienu jiddominaw. Il-ħajja fi żmien Ruma qadima żgur li ma kinitx imlewna bl-ilbies li naraw fil-films ta' ġrajjiet ta' dik l-epoka.

Il-moda lanqas ma kienet tinbidel sikwit bħal dan iż-żmien. Illum il-moda, l-aktar li għandha x'taqsam ma' l-ilbies, saret parti mill-ħajja tal-bniedem. Pajjiżi kbar bħal Franza, l-Italja u l-Amerika, joħolqu l-moda tal-mument. Din tinbidel minn sena għall-oħra u n-nies influwenzati mir-reklamar mhux biss qegħdin jimxu mal-moda imma saru lsiera tagħha. Jekk ma tagħtix każ tal-moda titqies li m'intix tgħix f'dinja moderna, li ma timxix magħha u m'intix progressiv. Mhux ta' b'xejn li l-moda saret negozju kbir għaliex miljuni kbar jintefqu fuq ħwejjeġ li jinbidlu minn sena għall-oħra. Barra minn hekk il-prezzijiet jogħlew aktar ma jgħaddi ż-żmien. L-imprendituri jagħmlu minn kollox biex jibdew il-moda, l-aktar fost iż-żgħażagħ. Jiġri, għalhekk, li n-nies iwarrbu ħwejjeġ u żraben li jkunu għadhom ġodda biex ikunu minn ta' quddiem li jimxu mal-moda ġdida. Dan fenomenu li ma kienx jeżisti fil-passat. Il-ħwejjeġ kienu jintlibsu sakemm jibqgħu jservu. In-nanniet tagħna kienu jraqqgħu u jsewwu. L-ilbies tal-kbira kien jitranġa biex jintlibes miż-żgħira. Il-qorq - min kien ikollu wieħed - iservi għomor. Il-familji l-fqar ma kellhomx biex jixtru żarbun għal kull tifel. Kienu għalhekk jibagħtu t-tfal l-iskola b'żarbuna waħda. Il-par kien jinqasam bejn żewġt itfal, kulħadd jilbes waħda.

Illum il-familji jonfqu l-biċċa l-kbira tas-salarju fl-ikel u fl-ilbies. Ħafna drabi iżda, qegħdin jinxtraw ħafna ħwejjeġ li lanqas jinħtieġu u li malajr tgħaddi l-moda tagħhom. Ħafna mill-materjal ma jkunx ta' kwalità, dan apposta biex il-ħwejjeġ ma jservux għat-tul. Għad li nafu li l-moda tinbidel kif jaqbel għas-suq, donna ma nafux infasslu l-imġieba tagħna fuq dawn.

Nafu kif kienu jilbsu bejn wieħed u ieħor l-ewwel nies li ġew fil-gżejjer tagħna mill-fdalijiet ta' l-istatwetti u oġġetti ornamentali li nstabu. Ċiċerun jagħtina ħjiel ta' l-ilbies Malti fi żmien ir-Rumani. Kittieba oħra bħal Quintinus, l-istoriku Malti Ciantar, De Soldanis, u oħrajn li żaru pajjiżna, jagħtuna dan it-tagħrif fuq żminijiet oħra. Għandna wkoll tpinġijiet bħal ta' Brockdorff, Favray u Caruana Dingli. L-ilbies Malti tal-bdiewa u n-nies ta' l-irħula kien differenti minn tas-sinjuri u l-klassi l-għolja.

Il-kostum Malti tradizzjonali kellu ħafna influwenzi. Il-ħakkiema tal-Gżejjer matul is-sekli, is-sibbien Maltin li min jaf kemm drappijiet, ħaririjiet u tiżjin ieħor serqu minn fuq ix-xwieni jbaħħru lejn il-lvant. L-ilsiera Torok u Musulmani li kienu jaħdmu hawn, in-nies tan-negozju, ħafna minnhom barranin li ġew joqogħdu hawn, li kienu jsiefru ta' sikwit, dawn kollha influwenzaw l-ilbies tal-Maltin.

L-insiġ kien mill-eqdem nett waħda mill-industriji ewlenin ta' missirijietna. Fid-djar ħafna nies kienu jżommu n-newl. Id-drappijiet ta' l-insiġ ta' Malta kienu magħrufin. L-insiġ tal-qlugħ kien jimpjega wkoll ħafna Maltin. Fi żmien ir-Rumani Malta kienet imsemmija għad-drappijiet tan-nisa minsuġin b'ħafna rqaqat u b'sengħa kbira.

Jaħsbu li l-Għarab daħħlu f'Malta għamla ta' ġlekk qasir li kien jintlibes sal-qadd. Il-ġlekk kellu miegħu barnuż biex jintlibes fuq ir-ras. Dan il-kostum baqa' jintlibes għal ħafna snin wara, u għall-ħabta tal-1700 il-Maltin bdew jilbsu biss il-kapott jew il-mantar. Sa ftit ilu xi nies fl-irħula kien għadhom jilbsu l-kabozza għax-xita. Il-kabozza kienet tifkira tal-mantar għax waqt li l-mantar kien jintlibes min-nies tar-raħal, il-kapott kien jintlibes fil-belt.

Il-moda mhix ħaġa tal-lum biss, kienet moda li damet ħafna snin li n-nisa Maltin joħorġu fit-toroq wiċċhom mgħotti aktarx b'xi mantell jew xall twil li kien jgħattilhom rashom b'biċċa minn wiċċhom u minn spallejhom. Kienet drawwa dak iż-żmien li n-nisa joħorġu fit-triq

imgeżwrin f'ħafna ħwejjeġ goffi. L-għonnella kienet għada kbira u goffa. Iżda dan l-ilbies beda qajla qajla jiġi influwenzat minn dak Ewropew, speċjalment Franċiż. In-nisa Maltin – l-aktar dawk sinjuri – bdew jikkupjaw dak barrani wisq qabel is-sena 1800. Wara dik is-sena bdew jikkupjaw dak Ingliż. Din ħolqot problema, tant li ħafna familji bdew jonfqu ħafna flus biex jiżżejnu u jkunu moderni. Din kienet ukoll tiġri fi żmien il-Kavallieri, tant li ħafna granmastri ħassew li dan kien abbuż li kellu jitrażżan. Għalhekk ħarġu ħafna bandi (liġijiet) biex dan l-infieq żejjed ma jibqax isir. L-irġiel ukoll kienu qegħdin jiġu influwenzati bl-ilbies Sqalli u ta' l-Italja. Dawk ta' l-ibliet l-aktar li warrbu l-ilbies lokali u neħħew il-qorq biex jikkupjaw l-irġiel Ewropej.

L-irġiel kienu mill-antik jilbsu f'rashom il-montiera, bħal beritta twila ġejja għall-ponta. Billi l-montiera kienet twila, min jilbisha seta' faċilment jgħatti tajjeb rasu b'wiċċu b'kollox. Kienet għalhekk taqdi tajjeb lil min għal xi raġuni ried jaħbi wiċċu bħal, ngħidu aħna, xi ħalliel jew kriminal ieħor. Minħabba dan ħafna granmastri għaddew liġijiet biex irażżnu l-abbuż. Kien hemm xi żmien li l-irġiel ma setgħux jilbsuha aktar. Il-Lhud li kienu jgħixu Malta ma setgħux għal xi żmien jilbsu xejn f'rashom - la kappell u lanqas beritta. Biex jintgħarfu li kienu Lhud ġew imġiegħla jilbsu dawra drapp safra mwaħħla ma' lbieshom. Mill-banda l-oħra kienet drawwa qadima li l-Maltin biex juru li huma Nsara kienu jpinġu tatwaġġ ta' salib fuq dirgħajhom – drawwa li sa ftit ilu kienet għadha teżisti fostna.

L-għadd ta' kliem li għandna fil-Malti jagħtuna ħjiel ta' x'kienu jilbsu l-Maltin ta' dari. Fil-fatt għadd minn dawn huma ta' nisel Sqalli jew Taljan u juru l-influwenza Romanza.

L-irġiel ta' l-irħula barra l-kapott, il-mantar, il-mantiera u l-barnuża, kienu jilbsu wkoll il-gankerlina (għamla ta' ġlekk qasir), is-sidrija u qalziet miftuħ – jiġifieri mpaħpaħ u mhux marsus magħhom – li dan kien iżomm mal-qadd bit-terħa. Sa ftit ilu t-terħa kienet għadha tintlibes, l-aktar mill-burdnara u dawk li jerfgħu l-ġebel u tagħbijiet tqal. Ir-rabta tat-terħa tħażżem lil dak li jkun u żżommlu dahru u qaddu marbutin tajjeb u ma tħallihx jitrakad. Il-ġistakor kien ġlekk twil tond minn isfel li jinqafel minn quddiem. Kienet tintlibes ukoll il-barjola, l-aktar bil-lejl biex iżomm ir-ras sħuna. L-irġiel tal-belt kienu jilbsu aktar eleganti, flok il-qorq kienu jilbsu ż-żarbun, xi drabi mżejjen ukoll bil-bokkli. Kienu jxiddu ż-żarbun fuq il-kalzetti. Taħt il-qalziet kienu jilbsu ta' taħt ukoll. Għad-dar kellhom il-pantafolli – żarbun ħafif tad-drapp jew tal-ġild. Taħt il-ġistakor kienu jilbsu l-qmis jew is-sottavesta. Kien hemm dawk l-aktar puliti li kienu joħorġu barra lebsin kappell fuq il-parrokka, b'xi sejf fi ħżimhom u xi ħatem (ċurkett oħxon) f'subgħajhom.

Id-dejl kienet libsa qasira tan-nisa. Fuq id-dejl jintlibes il-fardal li meta dan ma kienx jintlibes għall-faċendi iżda biex jiżżejnu bih, kien ikun illamtat. Kienu jinsatru bl-għonnella, jew bit-tgeżwira. Din kienet tkun bħal qmejsa kaħla bi strixxi bojod. Kienu jinsatru wkoll bil-manta. In-nisa li ma kinux iridu juru wiċċhom, l-aktar dawk li kienu jiġġerrew bil-lejl barra għal skopijiet immorali, kienu jinħbew billi jgeżwru wiċċhom fil-manta. Il-manta tar-radda kienet xall iqsar tal-ħarir iswed li tgħatti r-ras bil-pizz u tlaħħaq sa l-irkobba. L-għonnella kienet komuni ħafna. Fl-antik in-nies tal-belt kienu jħituha sewda, ta' l-irħula bajda jew ħadra. Iż-żebgħa tad-drapp ta' l-egħnienel kien isir mill-qxur tar-rummien. Ma nafux sewwa jekk l-għonnella kelliex l-ewwel bidu tagħha hawn fil-gżejjer tagħna jew jekk ġietx ikkupjata minn x'imkien ieħor. Min jgħid hekk u min ħaġ'oħra. Qabel l-għonnella (il-faldetta għal xi wħud) in-nisa Maltin kienu jilbsu ċ-ċulqana ta' lewn ikħal imtektek bl-abjad. Kienet tixbah lill-għonnella iżda kienet tat-tajjar, xi drabi mżejna b'disinni tal-ward. L-għonnella kienet ukoll magħrufa bħala l-istamina. Ħadet il-forma tagħha wiesa' u wieqfa meta l-pizz tal-kartun ta' fuq ir-ras twessa u d-drapp issaħħaħ bl-għadam tal-balena. Xi granmastri ħarġu bandi dwar l-użu ta' l-għonnella, per eżempju kemm din kellha tkun wiesa', xi kwalità ta' drapp kellu jintuża u kif tiżżejjen. Id-dbielet kienu jkunu twal sas-saqgħajn. Fil-ġenb tad-dublett in-naħa tal-lemin kienu jagħmlu qasma biex ikunu jistgħu jdaħħlu idhom fil-but – għamla ta' borża marbuta mal-qadd li fiha jqiegħdu l-affarijiet li jeħtieġu bħal maktur u ċwievet. Ma kinitx moda li n-nisa joħorġu b'basket f'idejhom bħal-lum.

Fil-festa tar-raħal in-nisa kienu jilbsu ċ-ċeppun – bħal ġlekk qasir issikkat mal-qadd bl-għadam tal-balieni biex jieħu forma wieqfa. Iċ-ċeppun kien jiżżejjen bil-bizzilla u b'ħafna frilli. Taħt il-libsa ta' fuq kienu jilbsu l-pettilja biex iżommilhom is-sider. Mad-dublett kienu

jħitu l-gwardinfant – ċirku tal-fildiferru biex jiftaħ il-libsa bħal qanpiena. In-nisa sinjuri kienu jħobbu l-pendenti, l-imsielet, xi salib jew ħannieqa oħra u jiżżejnu bl-ingwanti u brazzuletti.

Il-qassisin kienu jilbsu s-suttana twila sewda. Min kien ikun fqir ħafna u ma setax jixtri libsa twila, kien jagħmel waħda iqsar. Mir-rapport ta' Dusina nafu li l-kjeriċi miżżewwġin kellhom jilbsu mantell u kappell, li l-qassisin kellhom iqaddsu b'libsa twila li tlaħħaq sal-pala tas-sieq. Ma setgħux iqaddsu ħafjin jew jekk ikollhom il-mustaċċi. Sas-sena 1635 il-kanonċi kien għadhom jilbsu l-iswed ukoll. L-Isqof Balaguer daħħal il-muzzetta vjola, ir-rukkett u l-kappamanja. Dan l-isqof ftit snin wara, kif ukoll l-Isqof Cocco Palmieri fl-1703, ħarġu struzzjonijiet dwar l-ilbies tal-qassisin għaċ-ċerimonji bħal xi gradwazzjoni. Kienet tintlibes il-bakkaljawwa – speċi ta' surtun, toga jew frakk.

Il-mara tqila kienu jġennuha minn kmieni biex tibda taħseb għall-ilbies tat-tarbija. Sas-seba' xahar kien ikollha l-għież lest magħmul mill-fustana, twittija, ħarqa u qlejba. Kienet tara li jkollha lesti wkoll il-qmejsiet, il-faxex taż-żokra, il-vavalori, l-iskufja, il-fisqija u l-kalzetti. Għaċ-ċerimonja tal-magħmudija kienet teħtieġ il-kappun u l-maktur taż-żejt.

It-tfal kienu jlibbsuhom il-kamiżetta - qmejsa bil-flanella. Il-biċċa ta' quddiem ta' qmis li l-kbar kienu jilbsu taħt l-għonq biex tibqa' tidher meta jintlibes il-ġlekk, kienet tissejjaħ ukoll il-kanuża.




Dawk li daż-żmien ifasslu l-moda,mhux l-ewwel darba li jmorru għall-moda ta' l-imgħoddi. Joħorġu l-mudelli tagħhom, jintgħoġbu u ħadd, jew ftit, ikun jafu li dawn tfasslu fuq dawk ta' darba ilu.

Il-bizzilla kienet tinħadem fuq it-trajbu biċ-ċumbini fuq disinn mehmuż bil-labar fuq it-trajbu. L-insiġ bil-ħajt tal-ħarir kien jiġi rrakmat bit-tislib taċ-ċumbini (it-torxon). Kienu jsiru kull xorta ta' xogħolijiet tal-bizzilla, bħal għenuq u frillijiet, tvalji, sa lbiesi tat-tieġ bil-mant. Il-bizzilla li biha kienu jżejnu bi tberfila l-kamiża (bħal qmis qasira) kienu jgħidulha bizzilla tal-balla. Meta l-bizzilla kienet tkun ta' lewn safrani jew ismar, kienet magħrufa bħala bizzilla blonda. Ir-rakkmu kien isir bit-tirqim tal-ħajt imtarraġ bil-labra jew bil-ganċ (kroxè).

Il-magna tal-ħjata kien ikollha l-ħajt imkebbeb fuq l-irkiekel ta' l-injam jew minċotti tawwalin tal-kartun. Meta d-drapp jinħiet bil-ponti kbar għat-tiġrib qabel issir il-ħjata kien

jixxellel bil-ħajt tat-tixlil.

Ir-raħħala kienu jħobbu jilbsu l-aktar bħal qmis qasira u ħafifa, speċi ta' sidrija tal-flanella tmiss mal-laħam taħt ħwejjeġ oħra (kamżola). Il-kamżott kien fl-għamla jixbah ġlekk milbus minn barra meta joħorġu bih għall-knisja jew f'xi festa. Il-kamżu kienet l-ispellizza tal-qassisin, jew l-alba. Il-kurdun jew ċintura li kienet iddur ma' ħżiem il-qassis fuq l-alba jew maċ-ċoqqa ta' patri kienet iċ-ċinglu. Kull drapp li jdur ma x'imkien mal-ġisem bħal terħa, faxxa, ċintorin, ċintura, ħożża tissejjaħ ħżiem. Terħa tal-ħarir kienet il-kufja jew skufja. Il-fratelli kienu jilbsu l-kunfratija – libsa twila bajda mill-għonq sa l-għarqub bil-barnuża fir-ras. Biex iż-żaqq ma tiddendilx kien ukoll jintlibes il-ħżiem ta' taħt magħruf l-aktar bħala l-kurpett jew panċiera. Dari mhux biss il-qassisin kienu jilbsu l-berrettin – ta' l-avukati b'erba' kantunieri, ta' l-isqof lewnu aħmar – iżda wkoll in-nies, f'forma ta' beritta ċatta bħal galletta tal-ħarir.

Il-bdiewa kienu jilbsu ċ-ċinetta, bħal beritta bil-ġummiema tonda u bil-pizz. Illum tintlibes fid-djar biex iżżomm ir-ras sħuna, aktarx tkun tal-pannu. Il-bejjiegħ kellu ħorġa – borża tawwalija, barżakka ta' raħħal jew tallab.

Fuq l-uniformijiet kienu jagħmlu fuq l-ispalla ornament biex juri l-grad ta' min jilbisha. Dawn kienu l-ispalletti.

**Għadd ta' kliem marbutin max-xedd (kull ma jintlibes) fil-vokabularju Malti**

■ Aċċetta; alba; anetta; bakkaljawwa; barbazzal; barjola; barnuż; berrettin; bizzilla; bjankerija; blonda; bobba; bokkla; bordura; brazzuletta; but; buttuna; ċeppun; ċingi; ċinglu; ċintorin; ċmusa; ċoff; ċulqana; dejl; drapp; dublett; faldetta; fardal; faxxa; fisqija; flanella; flokk; frakk; frill; fursetta; fustana; ġagaga;ġakk; ġankerlina; ġersi; ġhież; ġistakor; ġlekk; ġobba; ġustakor; gallun; ganza; geżwira; girlanda; gverta; għenuq; għonnella; inċirata; ingravata; ħannieqa; ħarqa; ħatem; ħaxja; ħorġa; ħżiem; inforra; ingwanta; insiġ; kabozza; kallotta; kalzetta; kamawru; kamiżetta; kapott; kappa; kappell tat-trizza; kappamanja; kappun; karkur; każmu; keffa; komma; kroxè; kufja; kulatta; kullana; kullar; kunfratija; kurdiċella; kurdun; kużakk; labra; lazz; lobbja; maħanqa; maktur taż-żejt; maktur; manta tar-radda; manta; mantell; minċott; misluta; mitraħ; mleff; montiera; muzzetta; newl; organza; panċiera; pantofflu; papoċċ; peduna; pendent; penz; pettilja; piġama; pudja; pulzieri; qalza; qalziet; qandul; qlejba; qmejsa; qmis; qorq; pullover; rakkmu; rokkett; rużetta; sarwan; sidrija; skarpin; skufja; sollavesta; spalletta; spellizza; splendun; stola; stvala; stvaletta; surtun; suttana; tajjar; takkalja; takkuna; tberfila; terħa; tewq; tgeżwira; tifsila; tirqiegħ; toga; torxon; trajbu; tunika; turbant; turtilja; uniformi; vavalor; xall; żarbun; żigarella.




**Qwiel Maltin imsejsa fuq kliem ix-xedd - xi eżempji**

il-qmis eqreb miċ-ċeppun
lill-ħażin aqtagħlu biċċa minn dejlek u erħilu jmur
libes żarbun f'daqqa u għandu karkur imqatta'
ir-riġel irid is-sodda u l-id trid il-maktur
hemm dwieb u dwieb ta' l-egħninel u tal-mantniet
Alla b'ħabel tat-tajjar isawwat
mara bl-għonnella qatt ma taf x'għamlet u x'kellha
jekk tarfa' l-ġlekk taqla' u jekk ma terfgħux ukoll
b'mitt sena ħsieb ma traqqax geżwira
il-libsa tal-kefen ma fihiex bwiet
il-ħajjat qalzietu mqatta'
kappell ma jmejjilx ieħor
il-Milied bil-kappell u l-Għid bil-mantell